MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 183/2001/1

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Mahmoud Awwada**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf erba' mija u tnejn u sebghin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmi (Lm1,472.54) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' *mobile telephone* u "*airtime*" ghall-istess uzu moghti lill-konvenut mis-socjeta' attrici skond il-fattura hawn annessa u mmarkata Dokument A;

Premess illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta’ attrici, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici ghar-ragunijiet fuq premessi talbet lil din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe’ bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ s-somma ta’ elf erba’ mija u tnejn u sebghin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmi (Lm1,472.54) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja u bl-imghaxijiet legali.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li bih ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**